**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju 2022**

**Rikors Numru: 263/2011 MLF**

**Citadel Insurance p.l.c. kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Carmelo Scerri**

**vs**

**F. Busuttil Service Station Limited**

Il-Qorti

1. Rat ir-rikors tas-socjeta' attrici fejn talbet sabiex is-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallasha s-somma ta' erbat elef u disgha u erbghin Euro u sbatax-il centezmu (€4,049.17) rapprezentanti l-hsarat li garrbet il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni LCM 962, propjeta' tal-assikurat Carmelo Scerri u kopert taht polza ta' assikurazzjoni mahruga mis-socjeta' assikurattrici rikorrenti, konsegwenza ta' diesel kontaminat mixtri minn pompa tal-petrol, propjeta' tas-socjeta' konvenuta u operata minnha stess, liema pompa tinsab fi Triq Tal-Barrani, Bir id-Deheb, Zejtun.

   Ghalkemm interpellata diversi drabi biex thallas ghad-danni reklamati, anke permezz ta' ittra ufficjali datata 25 ta' Novembru, 2010 is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghax legali dekorribli mid-data tan-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha, kontra s-socjeta' konvenuta.

2. Rat ir-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn eccepiet:

   i. Illi l-allegazzjonijiet u t-talbiet attrici huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghha peress illi mhuwiex minnu illi l-kumpanija esponenti bieghet xi diesel kontaminat u dana kif ser jirrizulta ampjament matul it-trattazzjoni tal-kawza.

   ii. Illi l-kumpannija esponenti ma hija responsabbli u ma tahti ghal ebda dannu allegat mill-kumpannija attrici.

   Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ta' nhar l-1 ta' Dicembru, 2010, kontra l-kumpannija attrici.

   B'rizerva cara illi l-kumpannija konvenuta tipprocedi kontra l-kumpannija attrici ghad-danni sofferti mill-malafama illi qieghda taghmlilha l-kumpannija attrici.

3. Semghet ix-xhieda, rat id-dokument u l-atti kollha ipprezentati.

4. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

5. Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma s-segwenti:

   i. Carmelo Scerri, l-assigurat tas-socjeta' attrici, xehed illi filghodu huwa kien mar bil-vettura tieghu tat-tip Nissan Qashqai gewwa l-pompa tas-socjeta' konvenuta li tinsab

gewwa Triq tal-Barrani, Bir id-Deheb, Zejtun, fejn hemmhekk kien ta d- diesel lill-istess vettura. Spjega li minn hemm baqa' sejjer lejn ix-xoghol u wara x-xoghol mar zewg postijiet ohra, izda meta gie biex jibda jsuq, il-vettura ma bdietx tiffunzjona tajjeb. Xehed li ghalhekk il-karozza kienet ingarret ghand l-agenti tad-ditta Nissan u wara li saret spezzjoni tal-vettura kienu spjegawlu li kien instab li t-tank tal-*fuel* kien ikkontaminat bl-ilma.[1]

ii. Carmelo Scerri ghamel *claim* fir-rigward ta' dan l-incident u ghalhekk is-socjeta' attrici inkarigat lil Natalino Agius sabiex ihejji *survey* f'dan ir-rigward. Mir-rapport relattiv jirrizulta l-hsarat gew ikkagunati minn ilma li dahal fis-sistema tal-fuel.[2] Fix-xhieda tieghu Natalino Agius kompla jispjega li t-tazza li tkun vicin il-*filter* kienet imcajpra u l-*fuel* li kien hemm fil-vettura kien imdardar. Spjega li sabiex il-vettura tahdem sewwa l-*fuel* ma ghandux ikun imhallat bl-ilma jew xi sustanza ohra u li l-hsara tista' ssehh anke jekk ikun hemm biss tracci ta' ilma fis-sistema.[3]

iii. Sussegwentement is-socjeta' attrici approvat din il-*claim* u hallset lis-socjeta' Nissan Motor Sales Limited is-somma ta' €4,049.17, u cioe' s-somma minnha pretiza permezz ta' din il-kawza, rapprezentanti l-prezz tal-*parts* u xogholijiet li saru fuq il-vettura sabiex tigi msewwija l-hsara. Is-socjeta' attrici hallset ukoll lil Carmelo Scerri is-somma ta' €175 bhala hlas lura tal-*excess* li kien thallas mill-istess Carmelo Scerri.[4]

iv. L-inginier Philip Borg, Manager fi hdan il-Petrol Division tal-Korporazzjoni Enemalta, xehed li fiz-zmien meta l-Korporazzjoni rceviet l-ilment mertu ta' din il-kawza, kienet ukoll rceviet ilmenti ohra fir-rigward tal-pompa operata mis-socjeta' konvenuta, liema lmenti kienu gew riferuti lil Malta Resources Authority. Spjega li l-Korporazzjoni kienet wettqet investigazzjoni fejn gew ezaminati z-zewg tankijiet tad-diesel li kien hemm f'din il-pompa u minn fejn irrizulta li f'wiehed minn dawn it-tankijiet kien hemm tletin litru ta' ilma.[5] L-ilma kien ittella' mill-haddiema tal-

[1] Ara x-xhieda ta' Dr Carmelo Xerri a *fol.* 28 tal-process
[2] Ara s-*survey report* a *fol.* 19 tal-process
[3] Ara x-xhieda ta' Natalino Agius a *fol.* 37 tal-process
[4] Ara f'dan is-sens ix-xhieda ta' Dr Kelly Fenech a *fol.* 10 tal-process, il-kopja tal-hlas lil Nissan Motors Sales Limited a *fol.* 21 u l-kopja tal-hlas lil Carmelo Scerri a *fol.* 24 tal-process
[5] Ara x-xhieda tal-Inginier Philip Borg a fol. 43 tal-process

Korporazzjoni stess permezz ta' pompa tal-idejn. Spjega li l-ilma jinzel fil-qiegh tat-tank, izda waqt li t-tank ikun qieghed jimtela' hemm il-possibilita' li d-diesel jithallat mal-ilma li jkun ingabar fil-qiegh, u ghalhekk jekk jittella' l-*fuel* f'dak il-mument hemm il-possibilita' li mal-*fuel* jittella' wkoll l-ilma.[6]

v. Adrian Busuttil, direttur tas-socjeta' konvenuta, xehed li huwa jiehu hsieb il-pompa in kwistjoni. Qal li ghalkemm il-kaz sehh fi Frar 2009, huwa sar jaf bih fis-26 ta' Jannar 2010 meta rcieva ittra minghand is-socjeta' attrici. Spjega li fil-pompa hemm zewg tankijiet tad-diesel, wiehed ta' disat elef litru u iehor ta' tlettax-il elf u tminn mitt litru. Spjega li d-diesel jittella mit-tankijiet permezz ta' pompa li ghandha *water separator*. In oltre, xehed li fil-parti t'isfel tat-tank ikun hemm *sump* li jesa' madwar mija u sittin litru u li l-iskop tieghu huwa li meta ssehh kontaminazzjoni jilqa' fih l-ilma, u dan peress li d-diesel joqghod fil-wicc u l-ilma jinzel fil-qiegh. Qal li s-*service station* tas-socjeta' konvenuta sservi madwar erba' mitt klijent kuljum u ghalhekk it-tank jitbattal u jerga' jimtela' kuljum.[7] Xehed li s-socjeta' konvenuta ma ttellax *fuel* mit-tank waqt li dan ikun qieghed jimtela'.[8]

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

6. Permezz ta' din il-kawza is-socjeta' attrici, kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Carmelo Scerri, qed titlob danni naxxenti minn hsarat sofferti fil-vettura tal-assigurat taghha b'rizultat ta' kontaminar ta' *fuel* li nxtara minn gewwa l-pompa gestita mis-socjeta' konvenuta. Iz-zewg eccezzjonjijiet sollevati mis-socjeta' konvenuta huma fil-mertu u permezz taghhom is-socjeta' konvenuta teccepixxi li mhuwiex minnu illi hija bieghet *fuel* kontaminat u li ghalhekk hija mhijiex responsabbli ghad-danni allegatament sofferti fil-vettura assigurata.

7. Il-Qorti tosserva li l-azzjoni attrici hija wahda ta' *culpa aquiliana,* u f'dan ir-rigward l-Artikoli 1031 u 1032 tal-Kodici Civili jistabilixxu li kull wiehed ghandu jwiegeb ghall-hsara li tigri bil-htija tieghu, u illi jitqies fil-htija min fl-ghemil tieghu ma juzax il-

6 Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-Inginier Philip Borg a *fol.* 80 tal-process
7 Ara x-xhieda ta' Adrian Busuttil a *fol.* 60 tal-process
8 Ara x-xhieda ta' Adrian Busuttil a *fol.* 87 tal-process

prudenza, diligenza u l-hsieb ta’ missier tajjeb tal-familja. Imbaghad l-Artikolu 1033 tal-istess Kodici Civili jipprovdi illi kull min, bil-hsieb jew minghajr hsieb, jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mill-ligi, huwa obbligat li jaghmel tajjeb għall-hsara li tigri minhabba f’hekk.

8. Il-gurisprudenza tal-Qrati taghna f’kawzi ta’ din ix-xorta hija wahda kostanti fis-sens illi gie ritenut illi jaqa’ fuq l-attur l-oneru illi jipprova l-kolpa fil-konvenut u li kien dan li kkagunalu d-dannu. Fis-sentenza fl-ismijiet **Giovanni Sare’ vs Carmelo Farrugia et** moghtija mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta’ Frar 1928 gie ritenut illi “*Che, perche possa una persona ritenersi responsabile dei danni, fa mestiere che chi reclami l’indennizzo riesce a provare non solo l’atto o l’omissione colposa del denunciato, ma altresi che l’atto o l’omissione colposa abbia avuto il nesso di causa ad effetto col pregudizio sofferto dall’istante*”.

9. Fil-kaz odjern, l-assigurat tas-socjeta’ attrici xehed li dakinhar stess li xtara d-diesel minghand is-socjeta’ konvenuta il-vettura tatu l-problemi. Mid-dettalji indikati fil-*motor insurance claim form* esebita mis-socjeta’ attrici jirrizulta li dan sehh nhar it-2 ta’ Frar 2009.[9] Jirrizulta li gurnata wara, u cioe’ fit-3 ta’ Frar 2009, il-Korporazzjoni Enemalta kienet baghtet lill-haddiema taghha sabiex jinvestigaw il-kaz, fejn kien instab li f’wiehed mit-tankijiet tad-diesel li kien hemm fis-*service station* in kwistjoni kienu nstabu madwar tletin litru ta’ ilma li kien ittella’ mill-haddiema tal-Korporazzjoni stess.

10. Il-Qorti tosserva li ghalkemm fix-xhieda tieghu moghtija in ezami, l-Inginier Philip Borg, Manager fi hdan il-Korporazzjoni Enemalta, kien qal li “*Fil-fatt kellna rapport simili u konna rreferjihom* [*recte*: rreferejnihom] *lil Malta Resources Authority. Dan kien fl-istess perjodu.*”, in kontro-ezami imbaghad xehed hekk:

*Dr. Cuschieri:* *Issa f’dan il-kaz partikolari, int kont xehdt dwaru iktar kmieni f’din il-kawza. Inkun qed nghid sewwa li kien ilment wiehed biss li tressaq lilkom?*

[9] Ara l-motor insurance claim form a fol. 13 tal-process

*Xhud:* *Hekk qed niftakar jien iva.*[10]

11. Ghalhekk effettivament jirrizulta li ma kienx hemm terzi persuni li lmentaw dwar il-kwalita' tad-diesel li xtraw minghand is-socjeta' konvenuta. Dan il-fatt huwa partikolarment rilevanti fid-dawl ta' dak li kompla jispjega l-Inginier Philip Borg li jekk ikun hemm *service station* fejn id-diesel ikun kontaminat, wiehed jistenna li jkun hemm aktar minn klijent wiehed li jigi affetwat. F'dan ir-rigward huwa wkoll pertinenti dak li xehed Adrian Busuttil, direttur tas-socjeta' konvenuta, u cioe' li s-socjeta' konvenuta ma kenitx irceviet ilmenti fiz-zmien *de quo*, u li l-ewwel darba li saret taf b'dan il-kaz kien meta rceviet l-ittra interpellatorja tas-socjeta' konvenuta datata 26 ta' Jannar 2010.

12. Il-Qorti tqis li ghalkemm mis-*survey report* ta' Natalino Agius, *surveyor* inkarigat mis-socjeta' attrici, jirrizulta li d-diesel li nstab fil-vettura assigurata kien kontaminat, b'daqshekk ma jfissirx li l-kontaminazzjoni sehhet mit-tankijiet tas-socjeta' konvenuta. Ghalkemm mill-atti jirrizulta li fil-pompa in kwistjoni kienu nstabu madwar tletin litru ta' ilma, dan il-fatt wahdu ma jistghax iwassal ghar-responsabilita' tas-socjeta' konvenuta.

13. Dan qieghed jinghad ghaliex dan il-volum gie deskritt mill-Inginier Philip Borg, xhud indipendenti mill-partijiet, bhala ammont zghir u dan kemm fl-*email* tieghu datata 11 ta' Frar 2009 mibghuta lis-socjeta' attrici fejn jghid li "*A small amount of water was found and pumped up*",[11] u kif ukoll fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fejn spjega li *"Suppost tletin litru huwa zghir u mhux suppost li jinqabad mill-pompa waqt li qieghed jaghti ... ... il-pajp, il-pompa, d-dispense pump tal-istation tigbed minnu, hija madwar sitt pulzieri maqtugha il' fuq mill-qiegh tat-tank biex jekk ikun hemm dawn l-affarijiet u xi hmieg, ma tigbidx minnhom."*[12] Ghal Qorti dan ifisser li f'kaz fejn ghal kwalsiasi raguni l-*fuel* jithallat ma' volum zghir ta' ilma, it-tank huwa mahdum b'mod li dak l-ilma ma jingibidx mal-*fuel*, biex b'hekk dan ma jispiccax fil-vetturi tal-klijenti.

14. Huwa minnu li l-Inginier Philip Borg kompla jispjega illi *"jekk waqt li jkun hemm it-trakk qieghed jaghti, xorta jsir tqassim, dak l-ilma se jigi agitat u jista' jinqabad mill-*

[10] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-Inginier Philip Borg a *fol.* 80 tal-process
[11] Ara l-email a fol. 46 tal-process
[12] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-Inginier Philip Borg a *fol.* 84 tal-process

*pompa … … f'dan il-kaz in-numru ta' karozzi li jintlaqtu ikun izghar ghaliex iridu jkunu marru jiehdu l-fuel jew waqt li hemm it-trakk qed ihott jew ezatt ftit wara tat-trakk il-ghaliex bil-hin l-ilma ha jerga' jaqa' fil-qiegh".*[13] Madankollu dan mill-atti ma jirrizultax. Ghal kuntrarju, Adrian Busuttil xehed li s-socjeta' konvenuta ma taghtix *fuel* waqt li t-tankijiet taghha jkunu qeghdin jigu mimlija mit-trakk,[14] xhieda din li ma giet kontradetta bl-ebda mod. Kif diversi drabi ritenut, fil-kamp civili il-Qorti ghandha tiddeciedi fuq il-provi li jkollha quddiemha u li jinducu fiha certezza morali, u mhux fuq semplici possibilitajiet.

15. In oltre, mix-xhieda ta' Carmelo Scerri jirrizulta li huwa kien mar jiehu d-diesel filghodu u wara mar ghax-xoghol. Ghalhekk, u dan qieghed jinghad ghal grazzja tal-argument biss, huwa ferm improbabbli li fil-hinijiet ta' filghodu fejn huwa risaput li s-*service stations* ikunu impenjati ferm, bejn meta ha d-diesel Scerri u meta ha d-diesel il-klijent li segwih, kien ser jghaddi bizzejjed hin biex l-ilma jerga' jaqa fil-qiegh. Fuq il-kriterju tal-bilanc tal-probabilitajiet, il-Qorti hija tal-konsiderata fehma li jekk id-diesel li kien qieghed jinbiegh minghand is-socjeta' konvenuta kien kontaminat, kien ser ikun hemm terzi li jilmentaw dwar il-kwalita' tad-diesel, u mhux l-assigurat tas-socjeta' attrici biss.

16. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, din il-Qorti mhijiex konvinta li kien xi nuqqas tas-socjeta' konvenuta li kkaguna d-danni sofferti mill-assigurat tas-socjeta' attrici. Fid-dawl tas-suespost, hija l-fehma konsiderata ta' din il-Qorti li s-socjeta' attrici ma rnexxielhiex tipprova n-ness bejn il-kawza u l-effett tad-danni sofferti mill-assigurat taghha. Konsegwentement it-talba tas-socjeta attrici ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

17. Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi billi:
    (i) tilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta, u
    (ii) konsegwentement tichad it-talba tas-socjeta' attrici.

[13] Ara x-xhieda in kontro-ezami tal-Inginier Philip Borg a *fol.* 85 tal-process
[14] Ara x-xhieda ta' Adrian Busuttil a fol. 87 tal-process

L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom jithallsu mis-socjeta' attrici.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**